MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 278/2007

Il-Pulizija
(Surg. Maggur Dr. J. Grima)
Vs
Paul Attard

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 t'April, 2007, ghall-habta tad-8.45 p.m., fi Triq San Giljan, B'Kara :

1. volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u storbju;
2. gab ruhu b'mod li ta fastidju lil martu Alexandra Attard b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal din il-persuna;
3. insulenta bi kliem lil martu Alexandra Attard;
4. kif ukoll bil-hsieb li jtellef jew li jnaqqas il-gieh, wegga' bi kliem, gesti jew b'xi mod iehor lill-mara tieghu

Alexandra Attard, u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Lulju, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 251A, 252(1), 338(bb), 339(1)(e) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni hekk kif dedotta kontrieh u lliberatu minnha, izda sabitu hati tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh u kkundannatu ghal xahrejn (2) prigunerija sospizi ghal sena (1) ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta' Lulju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieh u cioe' fl-ewwel akkuza, thassaraha w tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati w cioe' fit-tieni, it-tielet u r-raba' akkuzi w kwindi tilliberah skond il-ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija w piena, u minghajr pregudizzju, f'kaz li dana l-appell ma jintlaqax, tirriformaha fil-parti ta' piena w cioe' fit-tieni, it-tielet u r-raba' akkuzi tas-sentenza appellata w tinfliggi piena aktar idonea w li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Semghet ix-xhieda ta' Alexandra Attard li minnha jirrizulta li fis-26 t'April, 2007 ghall-habta tat-8.30 p.m. x'hin kienet qed traqqad it-tfal u qeghda taghmel xi xoghol mat-tifel l-iehor bdew jisimghu il-hoss tal-karozza ta' zewgha barra t-triq. Huma jgharfu l-karozza mill-hoss taghha ghax imwerwrin minnu w it-tifel beda' jibza'. Hi qabdet "tape recorder" u meta rat li huwa kien ipparkjat il-fuq fit-triq harget u marret hdejh u staqsietu x'qieghed jaghmel hemm. L-appellant dak il-hin bezqilha darbtejn u beda

jinsolentaha bil-kliem u cioe' jghidilha "lesbjana". Hi pero’ irritaljat u qaltlu "pufta". Baqghu sejrin hekk ghal certu hin sakemm umbaghad l-incident inghalaq. Tenniet ukoll li ma jistghux joqghodu bl-appellant ghax dejjem ghassa taghhom. In kontro ezami x-xhud qalet li hu ma harigx mill-car u lanqas kien cempel il-qanpiena tad-dar taghha, pero’ hi harget ghax kienet semghet il-hoss tal-car tieghu.

Ikkonsidrat,

Illi minn din it-testimonjanza jirrizulta li l-insult li gie rivolt lejn mart l-appellant kien jikkostitwixxi ingurja semplici li taqa' taht l-art. 252 (2) u/jew l-artikolu 339 (e) tal-Kodici Kriminali u skond il-gurisprudenza din hija kompensabbli meta l-istess persuna ingurjata tirritalja bl-istess mod b' ingurji fil-konfront tal-persuna li tkun qed tingurjaha. F' dan il-kaz il-parti leza lejalment stqarret li hi hallset lura bl-istess munita meta ghall-ingurja "*lesbjana"* irritaljat bil-kelma ingurjuza *"pufta"* w dan iwassal biex inehhi responsabilta’ kriminali fir-rigward tat-tieni akkuza.

F' kull kaz ir-raba’ akkuza ta’ ingurja taht l-artikolu 252(1) ma tirrizultax minhabba li l-ingurja saret bi kliem mhux specifikat fis-sens li fil-gergo popolari tal-lum sfortunatament il-kliem "*lesbjana"* u "*pufta"* saru komuni hafna kull meta wiehed ikun irid jghajjar lil xi hadd anki jekk il-parti leza b' ebda mod ma jkollha xi tendeni omosesswali. Dan il-kliem kif gja intqal normalment jaqa' taht ir-reat kontemplat fis-subinciz (2) tal-istess art. 252, sakemm ma jkunx akkumpanjat minn xi riferenza specifika ghal xi attivita' omosesswali ta' dak li jkun bhal per ezempju meta tissemma l-persuna l-ohra li jkollha xi relazzjoni mal-parti leza jew xi att immorali specifiku li jkun qed jigi attribwit lil dak li jkun.

Kif gie ritenut minn din l-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Josianne Bonello"** [16.1.2003] :-

*" fil-fehma ta’ din il-Qorti , l-kelma adoperata mill-appellanti b’mod generiku u bla ebda rabta ma xi persuni ohra, agir partikolari w eventi partikolari , “in common*

*parlance" u fil-kontest li fih tintuza il-lum il-gurnata , ma tistax titqies bhala ingurja gravi , l-istess bhal ma l-kelma generika "qahba" giet ritenuta li ma tikkostitwix ingurja gravi imma biss l-ingurja kontemplata fis-subartikolu (2) tal-artikolu 252. Ghalkemm il-veru sinifikat tal-kelma hu dak li hu w cioe' li jimplika li persuna hija omosesswali , fil-gergo ta' kulljum , din il-kelma - li sfortunatament spiccat fuq fomm hafna nies - saret tfisser persuna sgradevoli , antipatika, kiesha jew li mhux ta' min wiehed ikollu x'jaqsam maghha u dan ghal kull raguni kwalsiasi umhux necessarjament minnhabba konnotazzjonijiet omosesswali ."*

Mhux l-istess pero' ghat-tieni akkuza ta' *"harassment*". Dar-reat dedott kontra l-appellant huwa dak tal-"fastidju" (fit-test Ingliz "*harassment")* introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, et seq. tal-Kodici Kriminali.
L-artikolu 215A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3) ( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata'("alarming") jew idejjaq ("causing ..distress") lill-persuna.

Ikkonsidrat;

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("*alarming the person or causing the person distress*"fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra

tat-terminu generiku fastidju jew ”*harassment*”. Issa fil-waqt li n-nuqqas ta’ definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta’ diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista’ mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta’ dawn it-tip ta’ reati li ta’ sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.

F’sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista’ jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz **“stalking**”. Dan l-agir jista’ jkun provokat minn diversi ragunijiet jew *“patterns of behaviour”.* Jezistu per ezempju kazijiet ta’ *“rejected stalkers”* fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-“*rejection”* mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta’ “*resentful stalkers*” li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Hemm umbaghad l-“*intimacy seekers*” li jkunu bil-hsieb li jistabilixxu xi relazzjoni intima jew ta’ mhabba mal-vittma taghhom. Hemm l-“*erotomanic stalkers*” li jemmnu li l-vittma taghhom tkun thobbhom u jinterpretaw dak li l-vittma tghid u taghmel biex isahhu d-deluzzjoni taghhom. Tip iehor ta’ stalker hu dak tal-“*incompetent suitor*” li ma jkunux kapaci li javvicinaw lill-vittma taghhom socjalment, jew ghax jisthu jew ghal xi raguni ohra ta’ inadekwatezza, imma li xorta wahda jippretendu li jkollhom relazzjoni intima mall-vittma taghhom. Umbaghad hemm it-tip tal-“*predatory stalker”* li josservaw il-vittmi taghhom bil-ghan li jhejju pjan ta’ xi tip ta’ attakk sesswali.

Kull tip ta’ dan l-agir pero’ hu kalkolat li johloq certa biza’ f’ dak li jkun b’mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi. (ara Appell Kriminali **: "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.2007])

Ikkonsidrat;

Illi f’dan il-kaz din l-akkuza tirrizulta abbondantement fondata mill-fatt illi, minkejja li l-appellant u martu jinsabu f’kawza ta’ separazzjoni w hu ghandu ordni biex johrog mid-dar konjugali, xorta wahda qed jippersisti li jmur u jipparkja barra d-dar fejn toqghod martu barra mill-hinijiet li hu jkollu access ghat-tfal, b' mod vessatorju w intimidatorju w dan, fil-fehma ta’ din il-Qorti, jikkostitwixxi r-reat kontemplat taht it-tieni imputazzjoni.

Ghalhekk l-aggravju dwar il-mertu jidher parzjalment fondat biss fir-rigward tat-tielet u raba' imputazzjonijiet. Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi huwa xieraq u opportun illi jkun hemm certu detterent fuq l-appellant biex forsi jiddezisti mill-ossessjoni tieghu li jibqa’ jghasses u jdejjaq lill-martu w ghalhekk ma tarax li hemm lok ghal varjazzjoni fil-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ parzjalment l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha inkwantu ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel akkuza w inkwantu sabitu hati tat-tieni akkuza w tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tielet u r-raba' akkuzi u minnflok minnhom tilliberah, u tikkonfermaha wkoll inkwantu kkundannatu ghal xahrejn prigunerija sospiza ghal sena w qed terga’ tfisser lill-appellant il-konsegwenzi w ir-responsabilitajiet tieghu taht l-artikolu 28A u 28B tal-Kodici Kriminali jekk hu fi zmien sena mill-lum jerga’ jikkommetti xi reat li ghalih hu ikun suggett ghal piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------